MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1211/2010

Charles **AQUILINA**

vs

**TRASPORT MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta’ Novembru, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-imġiba u d-deċiżjoni tal-Awtorita’ imħarrka li tirtiralu t-*tag* ta’ xufier ta’ vettura tal-passiġġieri kif imwassla lilu b’ittra bid-data tal-24 ta’ Mejju, 2009, imorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta billi dik id-deċiżjoni tikser il-prinċipji ta’ ġustizzja naturali għal bosta raġunijiet; u (b) tħassar l-imsemmija deċiżjoni u tordna li huwa jerġa’

jitqiegħed mill-ġdid fl-istat li kien fih dwar il-liġenza tiegħu minnufih qabel ma ttieħdet l-istess deċiżjoni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2010, li bih ordnat in-notifika lill-Awtorita' imħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2011, wara talba li saret mill-Awtorita' mħarrka b'rikors tagħha tal-14 ta' Jannar, 2011 (u bil-qbil mal-attur), li bih tat lill-istess Awtorita' żmien biex tressa it-Tweġiba Maħlufa tagħha minkejja li kien għadda ż-żmien skond il-liġi biex tagħmel dan wara li kienet laqgħet l-atti tal-kawża;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' mħarrka fil-31 ta' Jannar, 2011, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, fl-ewwel lok u b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni ma setgħetx titressaq quddiem din il-Qorti taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex l-attur kellu rimedju ieħor quddiem tribunal jew qorti oħra provdut f'liġi oħra u hu naqas milli jinqeda bih. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu għaliex bis-saħħa tar-regolament 131 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur idejha kienu marbuta li bilfors riedet tieħu d-deċiżjoni li ħadet ladarba persuna ma tibqax tikkwalifika aktar li żżomm liċenza jekk ma tibqax tissoddisfa r-rekwiżiti minħabba nuqqas ta' mġiba tajba. Laqgħet ukoll billi eċċepiet il-ġudikat bis-saħħa tas-sentenza mogħtija konta l-attur mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Mejju, 2008, u li minnha l-attur ma kienx ressaq appell;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Frar, 2011[1], li bih l-għaref difensur tal-Awtorita' mħarrka fisser l-ewwel eċċezzjoni tagħha billi qal li l-attur kellu rimedju kemm taħt il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf taħt il-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll li jressaq l-ilment tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva taħt il-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Paġ. 16 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2011, li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għaref difensur tal-Awtorita' mħarrka waqt is-smigħ tas-16 ta' Ġunju, 2011 (reġistrata)[2];

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2011, li bih tat żmien lill-attur biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu b'nota;

Rat li l-attur ma ressaqx nota ta' sottomissjonijiet fiż-żmien mogħti lilu;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tal-attur waqt is-smigħ tas-6 ta' Ottubru, 2011, li biha huwa irrinunzja għall-fakulta' li jressaq sottomissjonijiet miktuba u għamel trattazzjoni bil-fomm dwar l-eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2011, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv. L-attur jilminta mill-mod kif l-Awtorita' mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "TM") neħħietlu l-permess biex jibqa' jaħdem ta' xufier ta' mezz ta' trasport pubbliku bla ma tatu opportunita' biex jiddefendi ruħu qabel waslet għal dik id-deċiżjoni. Huwa jgħid li sar jaf li tteħditlu t-*tag* ta' xufier meta waslitlu ittra mingħand TM li kienet tgħarrfu bid-deċiżjoni tagħha. Huwa jgħid li dan sar

[2] Paġġ. 26 – 8 tal-proċess

bi ksur tar-regoli ta' ġustizzja naturali. Irid li minħabba f'hekk, id-deċiżjoni meħuda minn TM titħassar u hu jitqiegħed fl-istess qagħda li kien minnufih qabel ma kienet ittieħdet dik id-deċiżjoni;

Illi għal din l-azzjoni TM laqgħet billi qalet li l-azzjoni mibdija mill-attur ma setgħetx issir quddiem din il-Qorti u dan għaliex huwa kellu rimedju ieħor fil-liġi biex jikkontesta d-deċiżjoni tagħha jekk tassew ried. Huwa naqas milli jinqeda b'dak ir-rimedju fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li dak li hija iddeċidiet ma setax sar mod ieħor għaliex idejha kienu marbutin minħabba li kienet seħħet kundizzjoni li biha l-attur tilef il-jedd li huwa jibqa' jgawdi l-liċenza ta' xufier u t-*tag* relattiv minħabba mġiba ħażina min-naħa tiegħu. Kemm hu hekk, eċċepiet il-ġudikat minħabba s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kontra l-attur li fiha huwa nstab ħati ta' mġiba ħażina u minn liema sentenza l-istess attur ma kienx ressaq appell;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk huwiex minnu li l-azzjoni tal-attur ma setgħetx titressaq quddiem din il-Qorti minħabba rimedju ieħor taħt il-liġi;

Illi f'dan l-istadju, l-Qorti tirrileva li fil-bidu taż-żmien rilevanti għal din il-kawża l-Awtorita' kompetenti kienet tissejjaħ l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) u l-liġi li kienet topera taħtha kien il-Kapitolu 332 tal-Liġijiet ta' Malta. Ftit taż-żmien wara, l-Awtorita' kompetenti saret l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta taħt liġi ġdida, jiġifieri l-Att XV tal-2009 (Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010. Għal kull bwon fini, f'din is-sentenza TM ser tirreferi għaż-żewġ entitajiet bħallikieku kienu l-istess waħda;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa xufier ta' karozza tal-linja u ilu jaħdem dak ix-xogħol għal madwar għoxrin sena;

Illi b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Mejju tal-2008, l-attur kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali tal-akkużi mressqin kontrih u mogħti sentenza ta' ħabs sospiża u immultat;

Illi TM saret taf b'dik is-sentenza u b'ittra li ġġib id-data tal-24 ta' Mejju, 2009[3] (li l-attur jgħid li waslitlu f'Mejju tal-2010) TM għarrfitu li, minħabba l-imsemmija sentenza, ma kienx għadu jissoddisfa r-rekwiżiti ta' mġiba tajba u rtiratlu l-permess li jibqa' jaħdem ta' xufier. Hija talbitu jroddilha lura t-*tag*;

Illi f'Lulju tal-2010, l-attur qabbad avukat biex jikteb lil TM u jikkontesta d-deċiżjoni tagħha[4] u fit-23 ta' Novembru, 2010, infetħet din il-kawża;

Illi huwa xieraq li l-Qorti tibda l-<u>konsiderazzjonijiet dwar l-aspetti tad-dritt</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami billi tara jekk kemm-il darba huwiex minnu jew le li l-attur tassew kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ieħor mogħti lilu bis-saħħa ta' xi liġi oħra. Din l-eċċezzjoni tinbena fuq dak li jiddisponi l-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi f'dan il-każ hemm ċirkostanza li l-Qorti ma tistax ma ssemmix. Is-sentenza mogħtija kontra l-attur ingħatat f'Mejju tal-2008. TM kitbet ittra lill-attur bid-data tal-24 ta' Mejju, 2009. Huwa wieġeb b'avukat għal dik l-ittra f'Lulju tal-2010. L-attur jgħid li l-ittra ta' TM wasliltu f'Mejju tal-2010. Minħabba li TM ma tikkontestax fil-fatt li l-ittra bagħtitha matul l-2010 (għalkemm iġġib id-data ta' sena qabel) il-Qorti sejra toqgħod fuq dak li jgħid l-attur dwar meta l-ittra waslet għandu. Li kieku ma kienx hekk, kien ifisser li l-attur mexxa b'din il-kawża aktar minn sitt xhur wara li kien irċieva l-ittra. Għalhekk sejra tqis li l-ewwel darba li l-attur sar jaf bid-deċiżjoni meħuda minn TM kien f'Mejju tal-2010;

Illi huwa magħruf li ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur

---
[3] Dok "A", f'paġ. 3 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġ. 4 tal-proċess

daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[5];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[6]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternativ taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għamil amministrativ li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[7]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih;

Illi għalhekk, wara li saru dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li l-attur kellu rimedju tajjeb u effettiv taħt xi liġi oħra u jekk naqasx bla raġuni tajba li jinqeda bih;

---

[5] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)
[6] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***
[7] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et***

Illi għandu jingħad li l-artikolu 40 tal-Att XV tal-2009 jipprovdi li "*It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi: (a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li tirrevoka awtoriżżazzjoni, jew liċenza jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u (b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità: Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi, appell li jiġi preżentat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità. (2) Dawk il-proċedimenti li minnufih qabel jiġi fis-seħħ dan l-artikolu jkunu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Trasport imwaqqaf bl-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għandhom, b'effett mill-31 ta' Marzu, 2010, jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva msemmi f'dan l-artikolu għad-deċiżjoni tiegħu u minn hemm 'il quddiem għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. (3) Għandu jkun hemm dritt ta' appell skond d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva minn deċiżjonijiet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva taħt is-subartikoli (1) u (2) u dak l-appell isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)*";

Illi fiż-żmien li waslet l-ittra ta' TM lill-attur kien dahal fis-seħħ il-Kap 499. Ta' min jgħid ukoll li l-Kap 332 għamel xi żmien li baqa' fis-seħħ wara li kien daħal fis-seħħ ukoll il-Kap 499: kemm hu hekk, kien bis-saħħa tal-Avviż Legali 230 tat-23 ta' April tal-2010 li l-Kap 332 ma baqax aktar fis-seħħ. F'kull każ, meta l-ittra ta' TM waslet għand l-attur, kien jgħodd biss il-Kap 499 u lejh trid tħares il-Qorti biex tara jekk tassew hu kellux rimedju fejjiedi taħt dik il-liġi minflok jersaq lejn din il-Qorti b'azzjoni taħt l-artikolu 469A;

Illi l-Qorti tqis li l-attur tassew messu ressaq l-ilment tiegħu mid-deċiżjoni ta' TM quddiem tribunal speċjali ieħor – it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa – mwaqqaf bis-saħħa tal-Att tal-2009 dwar il-Ġustizzja Amministativa (Kap 490) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2009. Minħabba l-fatt li l-attur qiegħed jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni li TM ħadet kontrih dwar il-liċenza jew permess li huwa jaħdem ta' xufier, dak it-Tribunal kellu kull setgħa li jagħti r-rimedju li l-attur qiegħed jitlob f'din il-kawża[8]. Minbarra dan, kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-imsemmi Tribunal ilhom jitressqu quddiemu sa minn Settembru tal-2009 (jiġifieri fiż-żmien sewwa li waslitlu l-ittra minghand TM), u l-fatt li, għall-ewwel, dawk il-kawżi ma kinux qegħdin jitqiegħdu għas-smigħ minnufih ma jnaqqas xejn mill-effikaċja tar-rimedju li seta' jingħata mit-Tribunal hekk kif dawk l-istess kawżi bdew jinstemgħu;

Illi bis-saħħa tal-imsemmi Att, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu s-setgħa li "*jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop ta' l-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att*"[9] u bil-għan dikjarat li jkollu l-kompetenza li jirrevedi atti amministrativi[10]. Dak li jikkostitwixxi l-ilment fil-qofol tal-attur f'din il-kawża huwa att amministrativ u għalhekk, bħala tali, huwa fis-setgħa tat-Tribunal li jistħarrġu, mhux daqstant fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap 499, daqskemm bis-setgħat mogħtija mill-Kap 490 innifsu;

Illi huwa minnu li, minkejja li twaqqaf l-imsemmi Tribunal, il-leġislatur ma deherlux li kellu jħassar ukoll l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u li dan ir-rimedju baqa' disponibbli wkoll bħala għodda ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika. Jista' jkun ukoll li kemm din il-Qorti kif adita biex twettaq l-imsemmi stħarriġ u kif ukoll it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa jwettqu setgħat li

---

[8] T.Ġ.A. VG **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***David Anthony Pollina noe vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta***
[9] Art. 5(1) tal-Kap 490
[10] Art. 5(2) tal-Kap 490

jixxiebhu[11]. Iżda huwa fatt li t-Tribunal imsemmi huwa kompetenti fir-rigward ta' dawk l-awtoritajiet pubbliċi jew dawk il-korpi biss li l-Att kostitutiv tiegħu espressament jagħnih bihom fit-Tielet Skeda tiegħu[12], u ma għandux is-setgħa li jistħarreġ l-għamil ta' awtoritjiet oħrajn li jaqgħu fil-kompetenza waħdanija ta' din il-Qorti. Minbarra dan, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 jitkellmu fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' waħda residwali bħala garanzija aħħarija fejn il-persuna mġarrba ma jkollhiex rimedju ieħor ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju taħt xi liġi oħra jew quddiem xi tribunal ieħor;

Illi għalhekk il-Qorti, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, issib li l-ilment tal-attur f'din il-kawża seta' u messu tressaq quddiem dak it-Tribunal u ssib li huwa tassew kellu l-aċċess għal dak ir-rimedju alternativ u kien b'nuqqas tiegħu nnifsu li naqas milli jirrikorri għalih. Għalhekk, issib li l-eċċezzjoni preliminari mqanqla minn TM hija tajba u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita' mħarrka u ssib li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti m'għandhiex tisma' u taqta' l-kawża miġjuba quddiemha billi l-attur kellu rimedju ieħor taħt liġi oħra dwar l-ilment tiegħu u li l-istess attur naqas milli jinqeda bih; u

**Teħles** lill-Awtorita' imħarrka milli tibqa' fil-kawża, **bl-ispejjeż** għall-attur.

**< Sentenza Finali >**

[11] Ara art. 20(1) tal-Kap 490
[12] Art. 25(2) tal-Kap 490

---------------------------------TMIEM---------------------------------